32005D0389

21.5.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 128/73

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-18 ta' Mejju 2005

## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE fir-rigward tar-reġistru ta' sustanzi li jagħtu t-togħma użati fi jew fuq l-ikel

*(innotifikata taħt id-dokument numru C(2005) 1437)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2005/389/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi l-proċedura Komunitarja għal sustanzi li jagħtu t-togħma użati jew maħsuba sabiex jintużaw fi jew fuq l-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 4 (3) tiegħu, Billi:

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 jistabbilixxi proċedura għall-istabbiliment ta' regoli fir-rigward ta sustanzi li jagħtu t-togħma użati jew maħsuba għall-użu fi jew fuq l-ikel. Dak ir-Regolament jipprovdi għall-adozzjoni ta' reġistru ta' sustanzi li jagħtu t-togħma "ir-reġistru") wara notifika mill-Istati Membri ta' lista tas-sustanzi li jagħtu t-togħma li jistgħu jintużaw fi jew fuq ikel kummerċjalizzat fit-territorju tagħhom u fuq il-bażi ta' studju mill-Kummissjoni ta' dik in-notifika. Dak ir-reġistru kien adottat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE ([2])

(2) Minbarra dan, ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 jipprovdi għal programm għall-evalwazzjoni tas-sustanzi li jagħtu togħma sabiex jiġi stabbilit jekk jissodisfawx il-kriterji ġenerali għall-użu ta' dawn is-sustanzi kif stabbilit fl-Anness għal dak ir-Regolament.

(3) L-Awtorità Ewropea Dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tat-13 ta' Lulju 2004 dwar il-para-hydroxybenzoates, li l-propyl 4-hydroxybenzoate (FL 09.915) kellu effett fuq l-ormoni sesswali u l-organi riproduttivi tal-firien żgħar tas-sess maskili. L-Awtorità ma setgħetx tirrakkomanda doża aċċettabbli ta' kuljum (ADI) għal din is-sustanza minħabba li mhuwiex possibbli li jintgħaraf b'mod ċar doża li m'għandhiex effett avvers osservat (NOAEL: no-observed-adverse-effect-level). L-użu tal-propyl 4-hydroxybenzoate bħala sustanza li tagħti t-togħma fl-ikel mhuwiex aċċettabbli, għaliex ma jissodisfax il-kriterji ġenerali għall-użu ta' sustanzi li jagħtu t-togħma kif stipulati fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2232/96. B'konsegwenza, il-propyl 4-hydroxybenzoate għandu jitneħħa minn fuq ir-reġistru.

(4) L-Awtorità kkonkludiet fl-opinjoni tagħha tas-7 ta' Diċembru 2004 dwar dialkooliċi, diketoni u idroxiketoni li l-pentane-2,4-dione (FL 07.191) huwa ġenotossiku *in vitro* u *in vivo*. Għalhekk l-użu tiegħu bħala sustanza li tagħti t-togħma mhux aċċettabbli, minħabba li ma jissodisfax il-kriterji ġenerali għall-użu ta' sustanzi li jagħtu t-togħma kif stipulati fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2232/96. B'konsegwenza, il-pentane-2,4-dione għandu jitneħħa minn fuq ir-reġistru.

(5) Fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2232/96 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/282/KE tal-21 ta' April 1998 dwar il-mezzi li bihom l-Istati Membri u l-Istati firmatarji tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea għandhom iħarsu l-proprjetà intellettwali fir-rigward ta' l-iżvilupp u l-manifattura ta' sustanzi li jagħtu t-togħma msemmija fir-Regolament (KE) Nru 2232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), għal numru ta' sustanzi, l-Istati Membri notifikanti talbu li għandhom ikunu rreġistrati b'tali mod li jitħarsu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-manifattur.

(6) Il-protezzjoni għal dawn is-sustanzi, elenkati f'Parti B tar-reġistru, hija limitata għal perjodu massimu ta' ħames snin mid-data li fiha tasal in-notifika tagħhom. Dak il-perjodu issa skada għal 28 sustanza li b'konsegwenza għandhom jiġu ttrasferiti għall-Parti A tar-reġistru.

(7) Id-Deċiżjoni 1999/217/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif suppost.

(8) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il- Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

([1]) ĠU L 299, 23.11.1996, p. 1 Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 84, tas-27.3.1999, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/357/KE (ĠU L 113, 20.4.2004, p. 28).

([3]) ĠU L 127, 29.4.1998, p. 32.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 1999/217/KE hu emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-18 ta' Mejju 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Anness tad-Direttiva 1999/217/KEE hu emendat kif ġej:

(1) Parti A hija emendata kif ġej:

(a) Ir-ringieli li jidhru fit-tabella għas-sustanzi li għandhom in-numri FL 07.191 (pentane-2,4-dione) u 09.915 (propyl 4-hydroxybenzoate) huma mħassra.

(b) Ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu fit-tabella:

| Nru FL | Grupp ta' Kimika | CAS | Isem | Fema | Einecs | Sinonimi | Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01.070 | 31 | 111-66-0 | 1-Octene | | 203-893-7 | | |
| 01.071 | 31 | 111-67-1 | 2-Octene | | 203-894-2 | | |
| 01.072 | 31 | 544-76-3 | Hexadecane | | 280-878-9 | | |
| 07.251 | 21 | 577-16-2 | Methylacetophenone | | | | Nru CAS jikkorrispondi mal-2-methylacetophenone |
| 01.073 | 31 | 592-99-4 | 4-Octene | | | | |
| 01.074 | 31 | 593-45-3 | Octadecane | | 209-790-3 | | |
| 16.084 | 30 | 627-67-8 | 3-Methyl-1-nitrobutane | | 211-008-0 | | |
| 01.075 | 31 | 629-78-7 | Heptadecane | | 211-108-4 | | |
| 12.260 | 20 | 4131-76-4 | Methyl-2-methyl-3-mercaptopropionate | | 223-949-4 | | |
| 12.261 | 20 | 6725-64-0 | Methanedithiol | | | | |
| 01.076 | 31 | 20996-35-4 | 3,7-Decadiene | | | | |
| 16.085 | 20 | 27959-66-6 | 4,4-Dimethyl-1,3-oxathiane | | | | |
| 12.262 | 20 | 29414-47-9 | (Methylthio)methanethiol | | | | |
| 05.210 | 04 | 30390-51-3 | 4-Dodecenal | | 250-174-9 | | |
| 05.211 | 02 | 30689-75-9 | 6-Methyloctanal | | | | |
| 14.166 | 30 | 32536-43-9 | Indole acetic acid | | | | |
| 07.252 | 05 | 33665-27-9 | 4-Octen-2-one | | | | |
| 02.244 | 04 | 54393-36-1 | 4-Octen-1-ol | | | | |
| 10.070 | 09 | 57681-53-5 | 4-Hydroxy-2-heptenoic acid lactone | | 260-902-7 | | |
| 05.212 | 04 | 76261-02-4 | 6-Dodecenal | | | | |
| 05.213 | 04 | 90645-87-7 | 5-Nonenal | | | | |
| 15.124 | 29 | 103527-75-9 | 3-Methyl-2-butenylthiophene | | | Rose thiophene | |
| 05.214 | 04 | 121052-28-6 | 8-Dodecenal | | | | |
| 05.215 | 03 | 134998-59-7 | 2,6-Decadienal (c,c) | | | | |
| 05.216 | 03 | 134998-60-0 | 2,6-Decadienal (t,t) | | | | |
| 12.263 | 20 | | 3-Mercapto-3-methylbutanal | | | | |
| 12.264 | 20 | 92585-08-5 | 4,2-Thiopentanone | | | | |
| 03.021 | 16 | 142-96-1 | Dibutyl ether | | 205-575-3 | | |

(2) It-tabella ta' parti B tinbidel b' li ġej::

**Sustanzi li jagħtu t-togħma nnotifikati fl-Applikazzjoni ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 2232/96, li għalihom intalab il-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali tal-manifattur**

| Kodiċi | Data ta' l-irċevuta tan-notifika mill-Kummissjoni | Kummenti |
|---|---|---|
| CN065 | 26.1.2001 | |
| CN074 | 18.4.2003 | 6 |
| CN075 | 18.4.2003 | 6 |
| CN076 | 18.4.2003 | 6 |